# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 12 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1956/00 AJD*

Dingli International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Five Star Hotels Co. Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitt lira Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm100.79), rapprezentanti in kwantu ghal sebgha u tmenin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm87.64) Royalty u tlettax il-lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm13.15) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 9862 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Lido San Gorg, ghall-perijodui mis-6 ta' Lulju, 2000, sal-5 ta' Lulju, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Settembru, 2000, u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz kontra l-konvenut.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2001, fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjez ta' din l-istanza kif mitlub.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR